# Aspetti tal-Parroċċa Tagħna (Madonna tas-Sacro Cuor) Tas-Sliema – 1945-1960

minn Winston L Zammit BA Hons, PGCE, MA




Is-sena 1945 kienet is-sena li fiha ntemmet it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945) u sa dik is-sena l-parti l-kbira tan-nies li kienu telqu minn Tas-Sliema fi żmien il-gwerra kienu ġew lura. Għall-parroċċa tagħna is-snin 1945-1950 kienu snin ta' rikostruzzjoni wara t-tiġrif tal-gwerra. Wieħed irid jiftakar li matul il-ħbit mill-ajru, il-knisja parrokkjali kienet intlaqtet darbtejn, l-ewwel f'Awwissu 1941 meta ġġarfet is-sagristija u mbagħad f'April 1942 meta ntlaqtet il-knisja. F'dan l-aħħar attakk kien iġġarraf ukoll il-kunvent u bini fl-inħawi tal-knisja. Kien iġġarraf ukoll il-kunvent tas-Sorijiet Franġiskani u fit-toroq tad-dawra ġġarraf ukoll bini ħdejn l-Għassa tal-Pulizija u fi Triq San Trofimu.


*Patri Kamillu meta kien għadu żgħir*

Għalhekk is-snin immedjati ta' wara l-gwerra kienu snin ta' rikostruzzjoni. Fl-1944 taħt is-sorveljanza ta' Patri Benjamin Galea OFM inbeda r-rikostruzzjoni tal-kunvent[1] u fis-snin ta' wara sar ukoll ix-xogħol ta' rikostruzzjoni fil-knisja li kien għadu sejjer sal-1949.[2]

## Il-Fraternità Franġiskana

Matul iż-żmien diffiċli tal-gwerra, il-Fraternità Franġiskana kienet baqgħet Tas-Sliema, u f'Lulju 1945 il-Fraternità kellha dawn il-membri:

Gwardjan: Patri Wistin Portelli OFM PhD
Kappillan: Patri Anġeliku Azzopardi OFM JCL
Patrijiet: Patri Sandro Azzopardi OFM, Patri Salv Bonnici OFM, Patri Franġisk Dingli OFM, Patri Beneditt Ellul Mercer OFM, Patri Eġidju Ferriggi OFM, Patri Benjamin Galea OFM, Patri Ludoviku Grima OFM, Patri Wiġi Pace OFM, Fra Kerubin Borg OFM, Fra Paul Micallef OFM u Fra Pietru Paul Sultana OFM.[3]

Iżda sa April 1946, insibu tibdil fil-komunità ta' Tas-Sliema. Patri Sandro Azzopardi OFM, Patri Beneditt Ellul Mercer OFM u Patri Ludovik Grima OFM kienu marru f'kunventi oħra, u minflokom f'Tas-Sliema ġew Patri Dumink Coppola OFM u Patri Remiġ Vella OFM. Mal-komunità ta' Tas-Sliema kien ingħaqad ukoll Fra Tarċisju Scicluna OFM.[4]

## Il-Kapitlu Provinċjali 1946

Fil-Kapitlu Provinċjali ta' Lulju 1946, il-Kappillan tal-parroċċa Patri Anġeliku Azzopardi OFM JCL ġie elett Ministru Provinċjal, kariga li huwa baqa' jokkupa sal-1955. Għaldaqstant Patri Angeliku mar fil-kunvent tal-Belt Valletta. Iżda meta spiċċa mill-kariga ta' Provinċjal ġie lura fil-fraternità ta' Tas-Sliema, fejn iddedika ħajtu għall-konfessinarju.[5] Bħala riżultat ta' dan il-kapitlu saru xi tibdiliet fil-fraternità ta' Tas-Sliema. Patri Lino Mamo OFM ġie maħtur Gwardjan, filwaqt li Patri Eġidju Ferriġġi OFM ġie maħtur Kappillan tal-Parroċċa. Iżda dam biss sena f'din il-kariga, u fl-1947 bħala Kappillan tal-Parroċċa ġie maħtur Patri Franġisk Dingli OFM li baqa' f'din il-kariga sal-1958.[6]

## Il-Komunità fl-1947

Minn pubblikazzjoni tal-Ordni tal-1947, nieħdu




idea kif kienet iffurmata l-Fraternità ta' Tas-Sliema.

Gwardjan: Patri Lino Mamo OFM
Kappillan: Patri Eġidju Ferriġġi OFM
Vigarju: Patri Wiġi Pace OFM li kien ukoll Viċi Parroku.
Patrijiet: Patri Karm Frendo OFM Viċi Parroku, Patri Dumink Coppola OFM Viċi Parroku, Patri Remig Vella OFM Viċi Parroku, Patri Kerubin Borg OFM li kien responsabbli mill-kċina u mill-Infermerija, Fra Spiridione Dingli OFM Ċerkatur (jiġbor għall-kunventi) u Fra Tarċisju Scicluna OFM Assistent Sagristan.[7]

F'Novembru 1947 ingħaqad mal-komunità ta' Tas-Sliema ż-żagħżugħ Patri Kamillu Aquilina OFM li baqa fostna sal-1954, meta nħatar Surmast tal-Istudenti fil-kunvent tal-Belt.[8]

## Fis-snin Ħamsin

Fl-1949 inħatar bħala Gwardjan Patri Dumink Coppola OFM li baqa fil-kariga sal-1950. Warajh bħala Gwardjan tal-Fraternità nsibu lil Patri Nikol Magro (1950-1952), Patri Karm Frendo OFM (1952-1955) u Patri Anselmu Chetcuti OFM (1955-1958).[9]

Fis-snin ħamsin tas-seklu XX ġew uċuħ ġodda fil-fraternità ta' Tas-Sliema. Fl-1951 reġa ġie lura Malta wara għoxrin sena ħidma pastorali fl-Eġittu Patri Baskal Grech OFM u ġie wkoll maħtur Segretarju Provinċjali.[10] Ingħaqdu ukoll mal-fraternità ta' Tas-Sliema Patri Nerik Cassar OFM li kellu l-kariga ta' Prokuratur tal-Festa u Viċi Parroku, Patri Manwel Vella OFM u Patri Marjan Vella OFM.[11]

## Il-Kapitlu Provinċjali 1958

Wara dan il-Kapitlu saru xi tibdiliet fil-Fraternità. Patri Vincenz Galea OFM JCL, ġie maħtur Gwardjan tal-Fraternità minflok Patri Anselmu Chetcuti OFM li mar f'komunità oħra. Patri Tonin Busuttil OFM ġie maħtur Kappillan tal-Parroċċa minflok Patri Franġisk Dingli OFM li ġie maħtur Gwardjan tal-Fraternità tar-Rabat.[12] Mal-komunità ta' Tas-Sliema reġa' ngħaqad Patri Kamillu Aquilina OFM u ġie wkoll Patri Feliċ Mansueto OFM li kellu l-kariga ta' organist, iżda dan dam fostna biss sal-1959 meta telaq għall-Missjoni tal-Ordni fl-Amerika Ċentrali.[13]

## Vokazzjonijiet fil-Parroċċa

Bejn l-1946 u l-1959 il-Parroċċa tagħna kellha ħdax-il saċerdot ġdid li kienu:

1946 Patri Lawrenz Bonavia OFM, li ċċelebra l-ewwel quddiesa Solenni fil-Knisja Parrokkjali fl-21 ta' April 1946.
1948 Patri Guido Schembri OFM li ċċelebra l-ewwel quddiesa Solenni tiegħu fil-knisja parrokkjali fl-ewwel Ħadd fuq l-Għid il-Kbir, fl-4 ta' April 1948 u Patri Arturo Azzopardi OFM li ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-knisja parrokkjali fil-11 ta' April 1948.
1949 Patri Tonin Busuttil OFM u Patri Gwann Schranz OFM – Li ċċelebra l-ewwel quddiesa tiegħu fil-Knisja Parrokkjali tagħna fid-19 ta' Ġunju 1949.
1951 Patri Ivo Tonna OFM li ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-knisja parrokkjali fit-12 ta' Awwissu 1951.
1952 Patri Marjanu Vella OFM li ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni fil-knisja parrokkjali fl-10 ta' Awwissu 1952 u żewġ Franġiskani Kapuċċini - Patri Ranjerju Zammit OFM Cap u Patri Franġisku Azzopardi OFM Cap.
1955 Patri Diegu Vella OFM li ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni fil-knisja parrokkjali fil-21 ta' Awwissu 1955.
1958 Patri Tonin Scicluna OFM li ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni fil-knisja parrokkjali fis-6 ta' April 1958.
1959 Patri Ġużepp Vella OFM li ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni fid-29 ta' Marzu 1959 [14] u Frangiskan Kapuccin Patri Joe Mallia OFM Cap li qaddes fil-parroċċa tagħna fl-4 ta' Lulju 1959.

## Sala Parrokkjali (1949)

Qabel il-gwerra mal-kunvent il-Patrijiet bl-għajnuna ta' Benefattur kienu bnew Oratorju (illum Sala Padova) biex fih isir it-tagħlim tad-Duttrina. Dan tbierek fis-7 ta' Frar 1938. [15] Fih ġieli saru ukoll xi żwiġijiet.[16]

Iżda fl-1949 bidlu dan l-Oratorju f'Sala Parrokkjali, bil-ħsieb li jsir it-teatrin fih kull nhar ta' Ħadd. L-ewwel rappreżentazzjoni teatrali fih saret nhar il-Ħadd 27 ta' Novembru 1949, meta ttellgħa d-dramm fi tliet atti "San Vito". Din ittellgħet mill-kumpanija teatrali "Assisi Dramatic Company" li ġiet iffurmata speċifikament biex tagħti rappreżentazzjonijiet f'din is-sala. Id-dramm ġie milqugħ tajjeb mill-pubbliku. Id-dħul kollu minn dawn l-attivitajiet kellhom imorru għall-Knisja Parrokkjali. Il-kumpanija teatrali Assisi li kienet tagħti s-servizz tagħha bla ħlas, kellha bħala organizzatur lis-Sur John Attard, Direttur – Is-Sur G. Azzopardi

u lil Patri Kamillu Aquilina OFM bħala Direttur Spiritwali.[17] Illum din is-sala ġiet trasformata f'Oratorju fejn fiha ser jintrefa' l-armar kollu tal-Knisja u tal-Festa.

## L-Azzjoni Kattolika

Is-snin 1946-1959 raw it-tisħiħ tal-Azzjoni Kattolika fil-Parroċċa. Fl-1946 insibu li kien hemm iċ-Ċirkolu Santa Klara tax-Xebbiet u l-ewwel tesserament kellu jsir il-Ħadd 13 ta' Ottubru 1946.[18] Bejn l-1946-1950 twaqqaf iċ-Ċirkolu tan-nisa miżżewġin Santa Elisabetta. Filwaqt li fl-1959 twaqqfet il-fergħa l-ġdida tal-irġiel San Baskal li kellha bħala President lis-Sur Harry Clarke.

Nhar il-Ħadd 13 ta' Ottubru 1959 saret iċ-ċerimonja tat-tesserament tat-tliet friegħi tax-xebbiet, nisa miżżewġin u irġiel fil-knisja Parrokkjali. Iċ-ċerimonja infetħet bil-kant tal-"Veni Creator" u Patri Baskal Grech OFM mexxa ċ-ċerimonja u għamel diskors. Wara sar it-tesserament tat-tliet friegħi nkluża l-fergħa l-ġdida tal-irġiel. Il-funzjoni spiċċat bil-kant tat-"Te Deum" u l-Barka Sagramentali.[19]

## Xi Ġrajjiet Importanti

30 ta' Ottubru 1945 – Il-Gvernatur Sir Edmond Schreiber waqt zjara f'Tas-Sliema għamel żjara lill-Knisja Parrokkjali.[20]

Settembru 1949 – Inġiebet fil-parroċċa l-istatwa Djoċesana tal-Madonna ta' Fatima u saru diversi funzjonijiet.[21]

24 ta' Mejju 1950 – Waqt żjara f'Tas-Sliema l-Gvernatur Sir Gerald Geasey għamel żjara lill-Knisja Parrokkjali.[22]

6 ta' Jannar 1956 – Il-Kappillan Patri Franġisk Dingli OFM fakkar il-Ġublew tal-Fidda tal-Ordinazzjoni Saċerdotali b'quddesa Solenni fil-Knisja Parrokkjali. Id-diskors tal-okkażjoni sar minn Patri Baskal Grech OFM.[23]

11 ta' Frar 1958 - L-ewwel Ċentinarju tad-Dehriet tal-Madonna f'Lourdes. Filgħaxija fis-6.30pm ħareġ Pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes li ħarġet mill-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris u li għaddiet mit-toroq tat-tliet parroċċi fosthom Triq San Ġwann Battista.[24]

25 ta' Ottubru 1959 – Inġieb fil-parroċċa d-Driegħ ta' San Pawl.[25]
Novembru 1960 – Ġiet il-Missjoni ż-Żgħira fil-parroċċa.[26]

## Ftit Tifkiriet Personali

Ili noqgħod fil-parroċċa 63 sena, għaldaqstant nixtieq nagħlaq dan l-artiklu b'xi tifkiriet personali b'rabta mal-parroċċa.

"The Boy with the Bell" – Tifel zgħir, kont inkun fil-gallarija tad-dar tagħna (45 Triq San Ġwann Battista) m'ommi. Wara nofsinhar qrib l-4:30pm kien jgħaddi tifel idoqq qanpiena biex jiġbor it-tfal għad-Duttrina fil-qasam tal-MUSEUM fi Triq Santa Marija. Għalija dan kien "The Boy with the Bell".

Il-Ġbir għall-Vjatku – Niftakar li kien jiġi raġel anzjan jiġbor għall-Vjatku. Kien ikollu kaxxa tal-ġbir, li fuqha kien hemm santa b'Ġesù Sagramentat fl-isfera. Konna inbusu s-santa u nagħtu xi kontribuzzjoni.

Il-Logħob tan-Nar tal-Art – F'xi sena fis-snin ħamsin, tifel zgħir, flimkien mal-ġenituri u ħuti, konna nkunu fil-gallarija nhar il-Festa filgħaxija biex insegwu l-logħob tan-nar tal-art, li dak iż-żmien kien isir fi Triq San Ġwann Battista.


**Referenzi**

1 M Catania – Is-Sacro Cuor Sliema, 1968, p 54
2 IBID, p 44
3 M(alta) G(ovt) G(azette) Electoral Register, Supplement No.31 31-VII-1945, p 123
4 IBID Electoral Register Supplement No.62, 30-IV-1946 p 133
5 L-Anġlu tal-Paċi Awwissu-Settembru Ottubru 1964 p 111
6 M Catania, op ċit pp 59, 75
7 Schematismus Provincie Melitensis OFM – 1947 pp 14, 15, 16, 19, 20, 21, 23.
8 Tagħrif fil-pussess tal-Awtur, Sunday Times of Malta, 4-XII 1949
9 W L Zammit "Tawna Servizz matul 125 Sena (1881-2006)" f'Tifkira ta' Ġrajjiet Ewlenin f'Tas-Sliema, 2006 pp 67-70
10 Leħen is-Sewwa 31-XII-1952 p 4
11 Tagħrif fil-pussess tal-Awtur
12 W L Zammit "Tawna Servizz matul 125 Sena (1881-2006)" f'Tifkira ta' Ġrajjiet Ewlenin f'Tas-Sliema, 2006 p 70
13 Tagħhrif fil-pussess tal-Awtur u tagħrif miġbur mill-Awtur mingħand Patri Feliċ Mansueto OFM
14 Tagħrif fil-pussess tal-awtur.
15 M Catania, op ċit pp 64, 65
16 Tagħrif fil-pussess tal-Awtur
17 Sunday Times of Malta, 4-XII-1949 p 11
18 Leħen is-Sewwa 12-X-1946 p 5
19 Il-Berqa 18-XII-1959 p 2
20 T(imes) O(f) M(alta) 31-X-1945 p 5
21 S(unday) T(imes) O(f) M(alta) 18-IX-1949 p 11
22 Il-Berqa 27-III-1950
23 IBID 10-I-1956 p 8
24 Leħen is-Sewwa 8-II-1958 p 5
25 Leħen is-Sewwa 31-I-1959 p 6, 31-X-1959 p 4
26 IBID 19-XI-1960 p 5


